MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 65/2005

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 13 ta' Marzu 2014**

Citazzjoni Nru.  65 / 05RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li permezz taghha talab is-separazzjoni pesonali mill-konvenuta ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha filwaqt li qablet li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, ikkontestat it-talbiet attrici fir-rigward tar-responsabbilita' ghat-tkissir taz-zwieg u sostniet li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-attur.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tal-partijiet ippubblikat fil-15 ta' Novembru 2013 li gie prezentat f'dawn l-atti b'nota tal-24 ta' Frar 2014.[1]

Rat id-decizzjoni moghtija kontestwalment li permezz taghha giet akkolta t-talba tal-attur sabiex il-Qorti tqis it-talba ta' separazzjoni bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66F tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Mill-atti jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fl-20 ta' Ottubru 1996. Ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin u li ma hemmx prospett li jirrikonciljaw. Il-partijiet ghandhom tlett ulied minuri.

Il-kwistjonijiet li kien hemm bejn il-partijiet dwar arretrati ta' manteniment tal-minuri issa gew rizolti fuq il-kuntratt imsemmi aktar qabel u l-arretrati thallsu kollha. Fil-fatt fi klawsola numru erbatax (14)

[1] Fol. 80

ta' dak il-kuntratt il-partijiet kienu qablu li jcedu it-talbiet fil-konfront ta' xulxin sew f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet inversi (citaz nru 198/2005 RGM), salv naturalment it-talba ghad-divorzju.

Fl-istess klawsola il-partijiet ftehmu illi "L-ispejjez ta' dawn il-proceduri legali kollha jkunu pagabbli mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom."

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddikjara l-mertu tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u t-talbiet attrici numri 2, 3 u 4, bhala ezawriti in vista tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fuq imsemmi, qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel talba attrici kif konvertita', billi tippronunzja l-hall taz-zwieg civili  ta' bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex zmien ghaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju ta' bejn il-partijiet.

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------